

# Vari ta' San Ġużepp fil-parroċċi tagħna

Chev. Mario Coleiro OSJ

Id-devozzjoni lejn San Ġużepp f'pajjiżna hija waħda kbira ħafna. Tant hu hekk li nsibu ħames parroċċi li jiċċelebraw il-festa titulari tagħhom lil San Ġużepp. Dawn huma l-Imsida, Kalkara, Manikata, Birkirkara San Ġużepp Ħaddiem u l-Qala Għawdex. Insibu wkoll ħamest irħula oħra li fihom issir festa lil San Ġużepp li huma kbar u li huma popolari ħafna. Dawn huma r-Rabat, Ħal Għaxaq, Ħal Kirkop, Ħaż-Żebbuġ u l-Ħamrun. Iżda d-devozzjoni lejn dan il-qaddis ma tiqafx f'dawk il-postijiet fejn issirlu festa esterna biss imma nistgħu ngħidu li f'kull knisja f'pajjiżna ssib kwadru u vara ta' San Ġużepp. Fil-maġġoranza kbira tagħhom dawn il-vari jinħarġu proċessjonalment u għandhom marbuta magħhom fratellanza.

F'dan l-artiklu se nagħtu daqqa t'għajn lejn uħud minn dawn il-vari li jinsabu fil-knejjes tagħna u li ma ssirilhomx festa però xorta jgawdu devozzjoni kbira. Se nibdew minn waħda mill-isbaħ vari li nsibu f'pajjiżna li hija dik tal-parroċċa ta' Bormla. Il-vara ta' San Ġużepp f'din il-parroċċa hija meqjusa bħala waħda mill-iktar artistiċi. Din inħadmet fl-1903 u kienet skolpita fl-injam mill-Iskultur Bormliż Abram Gatt. Fil-parroċċa ġara ta' Bormla, dik ta' San Lawrenz tal-Birgu, insibu vara interessanti ħafna ta' San Ġużepp. Din hija vara li titlibbes bil-ħwejjeġ ta' veru, tradizzjoni li għandha oriġini minn Spanja u li għadha ħajja fil-Birgu. L-irjus ta' din il-vara huma attribwiti lil Melchiore Gafà li kien jaħdem ġewwa Ruma u hu meqjus bħala ġenju Malti tas-seklu 16.

Ġewwa l-Isla nsibu vara ta' San Ġużepp li hija maħduma fil-kartapesta u hija xogħol ta' Ġlormu Darmanin li ħadimha fis-sena 1879. Din il-vara tinsab fis-sagristija ta' din il-knisja. Fil-parroċċa tal-Madonna ta' Pompej ġewwa Marsaxlokk insibu statwa ħelwa ta' San Ġużepp li hija xogħol tal-Istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri.

Ġewwa ż-Żejtun insibu statwa sabiħa ta' San Ġużepp li nħadmet ġewwa Milan l-Italja mid-ditta Gezzi fl-1906. Din l-istatwa kienet rebħet premju bħala l-aqwa xogħol artistiku f'kompetizzjoni t'arti sagra. Fis-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu fil-





Belt Valletta nsibu vara sabiħa ħafna ta' San Ġużepp. Din il-vara hija xogħol ta' Mastru Nazju Portelli.

Fil-parroċċa ta' Sant'Elena Birkirkara nsibu vara ta' San Ġużepp hija meqjusa bħala opra t'arti importanti. Din hija xogħol fl-injam ta' Vincenzo Dimech li skulturaha fis-sena 1826.

Fil-knisja l-antika ta' Santa Venera nsibu statwa sabiħa ta' San Ġużepp li hija xogħol ta' Karlu Darmanin li ħadimha fis-sena 1890 u llum għadha fl-istat oriġinali kif ħarġet minn idejn l-artist. Fil-knisja parrokkjali ta' Santa Venera nsibu vara interessanti ta' San Ġużepp li kienet ġiet ordnata minn San Ġorġ Preca biex irregalaha lil Fra Diegu Bonanno. Din hija xogħol fil-kartapesta tal-Istatwarju Ġużeppi Cilia. Is-sorijiet ta' Fra Diegu kienu rregalaw din il-vara lill-parroċċa ta' Santa Venera u għalhekk din illum hija relikwa ta' San Ġorġ Preca. Karlu Darmanin ħadem ukoll il-vara ta' San Ġużepp li nsibu fil-knisja parrokkjali ta' San Nikola tas-Siġġiewi.

Fin-Naxxar insibu vara ta' San Ġużepp li l-awtur tagħha mhux magħruf. Hija tal-kartapesta u ħafna storiċi jattribuha lil Ġlormu Darmanin. Dan jagħmluh għax din l-istatwa għandha xebh ma' statwi oħrajn ta' dan l-istatwarju. Fir-raħal ġar tan-Naxxar, il-Għargħur insibu vara ta' San Ġużepp li tixbah ħafna lil dik tan-Naxxar. Din hija tal-kartapesta wkoll iżda dan l-awtur tagħha hu magħruf u dan mhu ħadd ħlief Karlu Darmanin. San Ġużepp fil-parroċċa taż-Żurrieq huwa xogħol artistiku tajjeb ħafna tal-iskultur Vincenzo Dimech li skolpih fl-injam fis-sena 1824. Fil-knisja parrokkjali Tas-Santissima Trinità tal-Marsa nsibu żewġ statwi ta' San Ġużepp waħda hija xogħol ta' Wistin Camilleri minn Għawdex u l-oħra turi lil San Ġużepp Ħaddiem li kienet inġiebet minn Bari l-Italja fis-snin 60 tas-seklu l-ieħor.

Ġewwa l-parroċċa ta' San Ġorġ Ħal Qormi nsibu vara tal-injam ta' San Ġużepp li nġiebet minn Bolzanu l-Italja fis-sena 1963. Din il-vara ħadet post waħda aktar antika. Ġewwa Ħaż-Żabbar, il-vara ta' San Ġużepp hija tal-kartapesta, xogħol l-Istatwarju Ġlormu Darmanin. F'din il-vara naraw xebh kbir mal-vara li naraw ġewwa Ħaż-Żebbuġ u l-Ħamrun. Fil-Mellieħa nsibu vara interessanti ħafna fejn lil San Ġużepp narawh mal-Madonna bil-Bambin f'ħoġorha. Din il-vara hija msejħa tas-Sagra Familja. Hija maħduma fil-kartapesta mill-istatwarju Senglean Karlu Darmanin.

Ġewwa l-parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu tal-Fgura nsibu statwa ta' San Ġużepp li hija xogħol tal-Istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri. Fil-knisja parrokkjali ta' Stella Maris f'Tas-Sliema, il-vara ta' San Ġużepp inġiebet minn Lecce ġewwa l-Italja filwaqt li fil-knisja parrokkjali ta' San Ġiljan insibu vara tal-kartapesta li x'aktarx hija xogħol ta' Karlu Darmanin. Fil-knisja parrokkjali tal-Madonna ta' Lourdes ġewwa San Ġwann insibu wkoll vara ta' San Ġużepp li hija maħduma tixbah ħafna lil dik li nsibu ġewwa Bormla. Din x'aktarx hija xogħol Wistin Camilleri.

Meta naqsmu l-fliegu u mmorru fil-gżira t'Għawdex insibu wkoll ħafna vari ta' San Ġużepp fil-knejjes. Waħda minnhom hija dik li nsibu fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Din il-vara sabiħa hija xogħol tal-Istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri. Fin-Nadur proprju fil-knisja parrokkjali u Bażilika ta' San Pietru u San Pawl insibu vara ta' San Ġużepp interessanti ħafna u mhux tas-soltu. Din inġiebet minn Marsilja fi Franza. L-istess nistgħu ngħidu għall-istatwa ta' San Ġużepp li nsibu fil-Bażilika ta' Marija Bambina tax-Xagħra. Fil-knisja Rotunda ta' San Ġwann tax-Xewkija wkoll insibu statwa ta' San Ġużepp li wkoll inġiebet minn barra minn Malta.

Dawn il-vari kollha ta' San Ġużepp u ħafna oħrajn fil-knejjes tagħna jixhdu kemm id-devozzjoni lejn San Ġużepp Patrun Universali tal-Knisja hija qawwija f'pajjiżna. Tajjeb insemmu li ma' dawn il-vari nsibu bosta altari, kappelli, toroq, djar u persuni li kollha huma ddedikati lil dan il-Qaddis Kbir.


IS-SIEĦEB GARAGE



Auto Mechanic

Importer of Drag Racing parts from the UK & USA
Cylinder Head Repair and Facing, NOS Refills,
Engineering work, Car Rim Repairing
GUDJA ROAD, GUDJA
tel: 2166 8116 • mob: 9942 5849
sieheb@onvol.net